MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 762/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 762/2015LM fl-ismijiet:**

**Maltco Lotteries Limited (C32326)**

**vs**

**Felix Mifsud (K.I. 534464M) u Mary Anne Bezzina (K.I. 319564M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Maltco Lotteries Limited** (C32326) ippreżentat fl-14 ta’ Mejju, 2015 fejn talbet il-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni (minn issa ‘l quddiem “il-Mandat”) għar-raġunijiet li ġejjin:

*“Illi r-rikorrenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom jixtiequ jżommu lill-intimati Felix Mifsud u Mary Anne Bezzina jew min minnhom milli:*

*b’xi mod direttament u/jew indirettament ibigħu f’isem is-soċjetà rikorrenti kwalsiasi biljett tal-logħbiet tal-lotterija nazzjonali u logħbiet oħrajn jew jidħlu fi kwalsiasi relazzjoni ma’ ġugaturi u/jew terzi persuni in konnessjoni ma’ prodotti jew servizzi offruti mis-soċjetà rikorrenti mill-banka tal-lottu li tinstab fi Triq il-Qawra, Qawra, liema banka illum m’għadhiex aktar koperta mil-liċenzji u l-permessi neċessarji sabiex minnha l-intimati joperaw (recte) banka tal-lottu f’isem is-soċjetà rikorrenti u dan in vista ta’ ftehim ta’ trasferiment tal-operat tal-istess banka (numru 336). Il-ħruġ ta’ dan il-mandat qed jintalab anke fuq bażi provviżorja.*

*Din it-talba qed issir għar-raġunijiet segwenti:*

> *Illi dan huwa rikors għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni li jsegwi sensiela ta’ manuvri abbużivi u leżivi da parti tal-intimati Felix Mifsud u Mary Anne Bezzina, jew min minnhom, fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti Maltco Lotteries. L-aħħar istanza ta’ din is-sensiela ta’ manuvri ġrat il-bieraħ stess billejl, fejn dakinhar stess illi ffirmaw it-trasferiment tal-banka tal-lottu bin-numru 336 għall-post il-ġdid fi Triq il-Qawra, kantuniera ma’ Triq ta’ Nawċiera, l-intimati saħansitra ressqu rikors biex jiftħu l-Qorti wara l-ħin u jressqu*

*mandat ta' inibizzjoni sabiex iwaqqfu lis-soċjetà rikorrenti milli timplementa l-ftehim li huma stess kienu ffirmaw dakinhar stess filgħodu, liema mandat ġie akkolt provviżorjament;*

*Illi l-ħtieġa għall-ħruġ urġenti ta' dan il-mandat hija evidenti mir-resokont ġuramentat tal-fatti kif verament seħħew u kif qed jiġu (recte) konfermati bil-ġurament ta' Dr Ioannis Katakis, CEO, tas-soċjetà rikorrenti:*

1. *Is-soċjetà rikorrenti hija l-entità liċenzjata sabiex topera l-Lotterija Nazzjonali u logħbiet oħra f'Malta in vista ta' konċessjoni esklussiva mill-Gvern ta' Malta u in vista ta' liċenzja maħruġa mill-Malta Gaming Authority (ġja Lotteries and Gaming Authority). Sabiex topera tali liċenzja s-soċjetà rikorrenti għandha network ta' aġenti illi kollha huma koperti minn agency agreement sabiex ikunu jistgħu jbigħu l-prodotti liċenzjati għan-nom tas-soċjetà rikorrenti mill-banek tal-lottu hekk reġistrati, approvati u koperti mill-ftehim;*

2. *Illi l-agency agreement in kwistjoni huwa ftehim dettaljat u jirregola fid-dettall l-operat, it-trasferiment, l-obbligi u t-tħaddim tal-banek tal-lottu kif ukoll tal-aġir tal-persuni liċenzjati;*

3. *L-intimati kienu joperaw waħda minn dawn il-banek liċenzjati bin-numru 336 li tinsab fi Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq ta' Nawċiera u dan bis-saħħa ta' ftehim datat 6 ta' Lulju 2012 (DOK MC 1);*

4. *Illi tul dawn l-aħħar ġimgħat l-intimati wrew ix-xewqa tagħhom illi jittrasferixxu l-operat ta' dik il-banka tal-lottu liċenzjata għall-post ieħor fi Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq ta' Nawċiera u tul dan iż-żmien kollu saru diversi sollecitazzjonijiet, anke b'ċertu saħħa sabiex il-Maltco tuża d-diskrezzjoni kuntrattwali li għandha u tapprova tali bdil ta' lokazzjoni;*

5. *Illi s-soċjetà rikorrenti kitbet formalment lill-*intimat Felix Mifsud *fis-7 ta' Mejju 2015 u infurmatu illi kien biħsiebha tapprova tali trasferiment mitlub minnu (DOK MC 2) u dan jekk jiġu sodisfatti ċertu kundizzjonijiet fosthom (i) illi jiġi ffirmat "Addendum" għall-ftehim oriġinali fi żmien xahrejn minn dakinhar u li (ii) l-ewwel transazzjoni mal-ġugaturi sseħħ mill-*post *il-ġdid fi żmien mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-firma tal-Addendum;*

6. *Illi jidher illi kien hemm ftehim totali bejn il-*partijiet *tant illi lbieraħ, 12 ta' Mejju 2015, l-*intimat Felix Mifsud *żar l-uffiċċji tas-soċjetà rikorrenti u ffirma l-*Addendum *redatt mis-soċjetà* rikorrenti (DOK MC 3) liema Addendum sar jifforma parti mill-*kuntratt oriġinali bejn il-partijiet u b'riżultat ta' liema addendum il-banka tal-lottu 336 issa kienet liċenzjata u approvata biex topera mill-indirizz il-ġdid fi Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq ta' Nawċiera u minn imkien ieħor;*

7. *Illi sabiex is-soċjetà rikorrenti tkun ċara u ma jkun hemm l-ebda dubju fuq dan il-punt jiġi dikjarat illi hija għandha kundizzjonijiet ċari fir-reġim regolatorju applikabbli għaliha illi l-*banek tal-lottu *kollha li joperaw bħala aġenti tagħha jridu joperaw minn postijiet koperti mill-agency agreement u illi jekk kwalsiasi aġent jopera f'isimha u jbiegħ biljetti tal-*lotterija *nazzjonali u/jew ta' logħob ieħor liċenzjat lill-Maltco minn postijiet mhux liċenzjati il-Maltco* tkun qed tikser *il-liġi u r-reġim regolatorju applikabbli għaliha. Illi dan huwa wkoll għal kollox bi ksur dirett tal-*kuntratt *li l-intimati jafu sew;*

8. *Illi mill-mument illi ġie ffirmat dak l-Addendum ilbieraħ, l-*intimati *ma jistgħux ibigħu lanqas biljett wieħed mill-*post *l-antik iżda kellhom  jagħmlu hekk mill-*post *il-ġdid għaliex jekk jibqgħu ibigħu mill-*post *l-antik ikunu qed jipperikolaw il-liċenzja tar-rikorrenti u jpoġġu lir-rikorrenti f'mora fil-*konfront *tar-regolatur il-Malta Gaming Authority;*

9. *Illi huwa għalhekk li l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 757/15/LM intavolat ilbieraħ huwa għalkollox abbużiv. Dak il-mandat talab lill-Qorti sabiex twaqqaf lill-Maltco milli tiskonnettja t-terminal fil-post il-qadim biex tmexxih għall-post il-ġdid ħaġa li kienu għadhom kif effettivament ftiehmu fuqha l-partijiet stess ftit sigħat qabel bl-iffirmar tal-Addendum;*

10. *Il-mandat inkwistjoni ġie a konoxxenza tas-soċjetà rikorrenti biss wara li tali skonnessjoni kienet seħħet iżda sabiex tikkawtela ruħha u bl-ebda mod ma tonqos mir-rispett jew mill-awtorità tal-Qorti s-soċjetà rikorrenti reġgħet ikkonnettjat pendente lite t-terminal inkwistjoni;*

11. *Iżda fis-sigħat li għaddew, sar evidenti illi l-intimat ma jafx l-obbligi tiegħu sew, mhux ippreparat sabiex jimxi fil-post il-ġdid, qabad u ffirma b'negliġenza grossolana u mingħajr ma kellu l-ebda l-iċken intenzjoni li jonora dak li ffirma għalih jekk mhux saħansitra għandu xi skop ulterjuri li mingħalih jittenta jżomm iż-żewġ banek joperaw;*

12. *Illi r-riperkussjonijiet li l-entitajiet regolatorji jsibu lis-soċjetà rikorrenti qed tikser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tagħha huma enormi u evidenti u dan kollu għaliex wieħed mill-aġenti tagħha huwa għalkollox traskurat, spekulattiv fl-aġir tiegħu u qed jipprova jhedded lir-rikorrenti bi proċeduri ġudizzjarji bla bażi biex jgħatti l-inkompetenza tiegħu fil-materja;*

13. *Huwa assolutament kruċjali għar-rikorrenti li ma jsir l-ebda bejgħ minn post li m'għadux liċenzjat sabiex minnu tiġi operata banka tal-lottu u huwa għalhekk illi qed jitressaq dan il-mandat b'urġenza għaliex jekk jitkompla dan l-aġir abbużiv u llegali, bl-azzjonijiet tagħhom l-intimati jew min minnhom sejrin jikkaġunaw preġudizzju rrimedjabbli għas-soċjetà rikorrenti li trid tikkawtela mingħajr telf ta' żmien il-pożizzjoni tagħha fil-liġi;*

14. *Huwa impensabbli li liċenzja li swiet l-għexieren ta' miljuni ta' euro tiġi preġudikata minħabba l-aġir xellerat ta' aġent bħaż-żewġ intimati;*

*Huwa għalhekk huwa meħtieġ illi jinħareġ dan il-mandat, anke fuq bażi provviżorja, sabiex jiġu protetti d-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti b'mod immedjat."*

Rat id-digriet tat-13 ta' Mejju, 2015 fejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ġie milqugħha provviżorjament u r-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-seduta tat-18 ta' Mejju 2015.

Rat ir-Risposta ta' **Felix Mifsud u Mary Anne Bezzina** ppreżentata fil-15 ta' Mejju, 2015 fejn sostnew li t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat għandha tiġi miċħuda għas-segwenti raġunijiet:

1. *Illi t-talba ta' Malta Lotteries Limited għall-ħruġ ta' dan il-mandat għandha tiġi respinta peress illi prima facie ser jirriżulta li la għandhom dritt li jintavolaw tali talba u lanqas ser isofru beda preġudizzju f'każ li l-mandat ma jiġix akkolt;*
2. *Illi tajjeb li jiġi osservat li s-soċjetà Maltco talbet il-ħruġ ta' dan il-mandat biex ma jsirx bejgħ mill-banka tal-lottu 336 wara li ġiet miżmuma minn dina l-Onorabbli Qorti permezz tal-mandat numru 757/2015 milli jissoktaw bl-intenzjoni tagħhom li jieħdu l-liġi b'idejhom u jitterminaw s-servizz online minn mas-sistema ċentrali fil-ħin ta' nofsillejl tat-12 ta' Mejju 2015;*
3. *Illi għalkemm is-soċjetà Maltco ġiet notifikata bil-mandat qabel nofsillejl hija xorta waħda terminat is-servizz u fuq hekk hemm talba pendenti quddiem l-istess Qorti għall-disprezz;*

4. *Illi affaċċjati b'din is-sitwazzjoni s-soċjetà Maltco għamlet manuvra qarrieqa billi f'nifs reġgħet qabdet is-servizz online u fl-istess nifs talbet il-ħruġ ta' dan il-mandat ħalli mingħalija tillegalizza l-pożizzjoni tagħha wara l-ewwel tentattiv tagħha li tieħu il-liġi b'idejha;*
5. *Illi hu sinifikanti l-fatt ukoll li fil-kwistjonijiet kollha li kellha u għandha mal-intimati s-soċjetà Maltco kienet u għadha tinqeda b'ċertu ditta ta' avukati filwaqt li għat-talba odjerna qabdet ditta oħra;*
6. *Illi għalhekk kif gjà indikat u kif ser jiġi elaborat iktar 'il quddiem għandu jirriżulta li hi l-istess soċjetà li qed tagħmel sensiela ta' manuvri abbużivi u lesivi fil-konfront tal-intimati u mhux bil-kontra;*

*Illi b'risposta għall-kontenut tal-mandat irid jingħad is-segwenti:-*

a) *Mhux minnu li l-banka tal-lottu 336 li topera minn Qawra Road, Qawra m'għadhiex koperta mil-liċenzji u permessi in segwitu tal-ftehim ta' trasferiment bejn il-kontendenti. Fil-fatt (recte) skont l-istess ftehim kien ġie miftiehem illi l-intimat Felix Mifsud et kellhom jibdew joperaw mill-post il-ġdid sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-firma naturalment bl-intiża illi sakemm jiftaħ il-post il-ġdid huma jkunu jkomplu joperaw mill-post attwali tagħhom fejn tinsab il-banka tal-lottu 336. Illi għalhekk mhux minnu li qatt kien hemm xi ħsieb li ser joperaw (recte) il-banka 336 minn żewġ postijiet. Fil-fatt għalhekk kienu ingħataw xahrejn żmien biex jittrasferixxu (recte)l-operat minn post għall-ieħor;*

b) *Illi l-intimati kienu kostretti li joħorġu l-mandat tagħhom billejl peress illi s-soċjetà Maltco qarrqet bihom meta wara li ftiehmu, ffirmaw il-ftehim ta' trasferiment u ħadu b'idejn xulxin, dakinhar stess ftit sigħat wara bagħtu jinfurmawhom li kien biħsiebhom jaqtgħu is-servizz f'nofsillejl;*

c) *Illi b'referenza għal dak li ngħad f'paragrafu a) fuq imsemmi jiġi notat inoltre li saħanistra kien sar ftehim verbali ma' uffiċjali tal-Maltco li jkun jista' jibqa' jopera mill-banka attwali tiegħu sa żmien xahar wara li jiftaħ il-post il-ġdid biex iservi bħala transition period ħalli jżomm l-istess klijentela;*

d) *Illi s-soċjetà Maltco mhi ser issofri ebda preġudizzju irrimedjabbli f'każ li l-intimati jissokktaw bl-operat tagħhom mill-banka attwali sakemm jispostjaw l-istess operat mill-post il-ġdid;*

e) *Għall-kuntrarju huma l-istess intimati li qed isofru minn preġudizzju irrimedjabbli bil-ħruġ ta' dan il-mandat kontrihom stante li dan jikkostitwixxi parti sostanzjali mid-dħul tagħhom u għalhekk f'dan ir-rigward qegħdin issa jirriservaw l-pożizzjoni tagħhom għall-ħlas ta' danni minnhom subiti."*

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija essenzjalment dwar kif għandhom ikunu interpretati u implimentati d-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tagħhom taħt l-Agency Agreement datat 6 ta' Lulju, 2012[1] in segwitu għat-tibdil fl-istess Agency Agreement permezz ta' Addendum li ġie ffirmat fit-12 ta' Mejju, 2015[2] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-Addendum), liema Agency Agreement kif emendat permezz tal-imsemmi Addendum, jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-kontendenti għar-rigward tat-tħaddim u l-operazzjoni tal-Banka tal-Lottu 336 fil-Qawra.

Il-Qorti rat l-atti proċesswali u d-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

[1] A fol. 4-25 tal-proċess.
[2] A fol. 27 u 28 tal-proċess.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet fattwali</u>**

Is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li l-banka tal-lottu li tinstab fi Triq il-Qawra, Qawra minn fejn kienu joperaw l-intimati, m’għadhiex aktar koperta mil-liċenzji u l-permessi neċessarji sabiex minnha l-intimati joperaw banka tal-lottu f’isem is-soċjetà rikorrenti. Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob li l-intimati jinżammu milli jibqgħu joperaw l-imsemmija banka tal-lottu mill-post l-antik minfejn kienu qegħdin joperaw u dan peress li l-imsemmija banka illum m’għadhiex aktar koperta mil-liċenzji u l-permessi neċessarji sabiex minnha l-intimati joperaw banka tal-lottu f’isem is-soċjetà rikorrenti u dan in vista ta’ ftehim ta’ trasferiment tal-operat tal-istess banka (numru 336).

Min-naħa tagħhom l-intimati jikkontendu li mhux minnu li l-banka tal-lottu 336 li kienet topera minn Qawra Road, Qawra m’għadhiex koperta mil-liċenzji u permessi in segwitu tal-ftehim ta’ trasferiment bejn il-kontendenti. Fil-fatt skont l-istess ftehim kien ġie miftiehem illi l-intimat Felix Mifsud et kellhom jibdew joperaw mill-post il-ġdid sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-firma naturalment bl-intiża illi sakemm jiftaħ il-post il-ġdid huma jkunu jkomplu joperaw mill-post attwali tagħhom fejn tinsab il-banka tal-lottu 336. L-intimati

jsostnu wkoll li għalhekk mhux minnu li qatt kien hemm xi ħsieb li ser joperaw il-banka 336 minn żewġ postijiet u fil-fatt għalhekk kienu ngħataw xahrejn żmien biex jittrasferixxu l-operat minn post għall-ieħor.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 873(1)(2) tal-Kap. 12 li jgħid dan li ġej:

> *"**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Illi l-iskop ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat[3].

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, is-soċjetà rikorrenti trid turi li (i) l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-

[3] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

jeddijiet pretiżi minnha tant li bin-nuqqas ta' ħrug tal-Mandat is-soċjetà rikorrenti sejra isofri preġudizzju u (ii) li hija tidher li għandha *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet.[4] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandha is-soċjetà rikorrenti iżda ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 trid tara oġġettivament jekk is-soċjetà rikorrenti għandhiex pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[5]

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oggettivi[6] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan jintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax

---

[4] Ara Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pulliċino noe vs. Caruana Curran noe et (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).**

[5] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**

[6] Ara App.Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Grech pro et noe vs. Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[7]

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.[8]

Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollha jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħda tibża' is-soċjetà rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess soċjetà rikorrenti tidher li għandha filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[9]

Tqis li l-liġi tħares il-jedd *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.[10]

---

[7] PA 2.1.1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et noe.**

[8] PA 11.3.2003 fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et.**

[9] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**

[10] Ara Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pulliċino noe vs. Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

Tqis illi skont l-ittra ta' approvazzjoni maħruġa mis-soċjetà rikorrenti datata 7 ta' Mejju, 2015[11], l-intimati ġew mogħtija żmien ta' xahrejn biex jiffirmaw l-Addendum għall-Agency Agreement viġenti bejn il-partijiet. Barra minn hekk skont l-imsemmija ittra ta' approvazzjoni maħruġa mis-soċjetà rikorrenti[12] l-ewwel transazzjoni ta' bejgħ mill-banka tal-lottu l-ġdida kellha sseħħ fi żmien xahrejn mid-data tal-iffirmar tal-imsemmi Addendum għall-Agency Agreement.

Evidentement il-konċessjoni ta' dawn iż-żewġ perijodi ta' xahrejn il-wieħed, ġew stipulati a favur l-intimati sabiex huma jkollhom żmien biżżejjed biex jarmaw il-post il-ġdid u eventwalment ikunu jistgħu jittraslokaw mill-post l-antik għall-post il-ġdid.

Il-fatt li l-intimati iffirmaw l-Addendum ħamest ijiem biss wara li nħarġet l-ittra ta' approvazzjoni mis-soċjetà rikorrenti u ma ħadux il-perijodu sħiħ ta' xahrejn konċess lilhom u a favur tagħhom mill-istess soċjetà rikorrenti għall-iffirmar tal-Addendum, ċertament m'għandux jiġi interpretat daqslikieku huma rrinunzjaw għal dak il-perijodu li huwa raġonevolment meħtieġ biex fiżikament ikunu jistgħu jittrasferixxu l-banka tal-lottu inkwistjoni mill-post l-antik għall-post il-ġdid.

Is-soċjetà ssejjes it-talba għall-ħruġ tal-Mandat fuq il-bażi li ġaladarba ġie ffirmat l-Addendum għall-Agency Agreement, l-uniku post minfejn ir-rikorrenti

[11] A fol. 26 tal-proċess.
[12] A fol. 26 tal-proċess.

huma awtorizzati li joperaw il-banka tal-lottu inkwistjoni huwa mill-indirizz il-ġdid. Barra minn hekk is-soċjetà rikorrenti tallega li l-intimati ippruvaw iqarrqu bil-*bona fede* tas-soċjetà intimata billi ittentaw iżommu ż-żewġ banek (l-antika u l-ġdida) miftuħin bin-numru 336 li huma t-tnejn il-Qawra, fl-istess triq u dan jista' jwassal għal riperkussjonijiet serja mal-entitajiet regolatorji jekk isibu lis-soċjetà rikorrenti qed tikser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tagħha billi tippermetti li jsir bejgħ minn post mhux liċenzjat.

Din il-Qorti tqis li mad-daqqa t'għajn jidher li s-soċjetà rikorrenti għandha jedd *prima facie* x'jiġi kkawtelat. Mill-banda l-oħra din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tas-soċjetà rikorrenti ma tissodisfax r-rekwiżit l-ieħor għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ċjoè li jekk ma tiġix milqugħa t-talba għall-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrenti se jsofru preġudizzju irrimedjabbli.

Fil-verità fl-ebda mument ma kien hemm xi riskju reali li l-intimati setgħu joperaw minn żewġ banek tal-lottu (l-antika u l-ġdida) fl-istess ħin miftuħin bin-numru 336 it-tnejn li huma fil-Qawra, fl-istess triq. Dan stante li s-soċjetà rikorrenti baqgħet f'kull waqt fil-kontroll effettiv tas-sitwazzjoni, fis-sens li hi biss tista' teknikament teffettwa t-trasferiment tat-*terminals* minn post għall-ieħor u tiskonettjahom u tqabbadhom mas-sistema ċentrali tagħha. Is-soċjetà rikorrenti tista' faċilment tirrimedja għal kull preġudizzju li tendenzjalment tista' ssofri billi tagħti interpretazzjoni loġika u *in good faith* tal-ittra tagħha stess datata 7 ta' Mejju, 2015[13] anki permezz ta' Addendum ieħor jekk meħtieġ, u ċjoè li t-terminu ta' żmien konċess mis-soċjetà rikorrenti lill-intimati permezz tal-imsemmija ittra, ingħata bl-iskop li sakemm jilħqu jagħmlu l-

[13] A fol. 26.

arranġamenti tekniċi u loġistiċi neċessarji biex jittrasferixxu l-operazzjonijiet tagħhom għall-post il-ġdid, l-intimati jibqgħalhom id-dritt li joperaw il-banka tal-lottu numru 336 mill-post l-antik f'Qawra Road, Qawra.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kif dedotta fir-Rikors tagħha.**

**Din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2015 safejn laqgħet provviżorjament it-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tas-soċjetà rikorrenti.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------